MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**LAURENCE QUINTANO**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2010

Numru 1048/2008

**Il-Pulizija**
**(Spettur Fabian Fleri)**

**Versus**

**Alfred Psaila.**

Il-Qorti

Rat l-imputazzjoni dedotta kontra Alfred Psaila ta’ 64 sena, iben Salvu u Josephine nee Spagnol, imwieled Ħaż-Żabbar fis-26 ta’ Settemrbu 1944, detentur tal-karta tal-identita’ bin-numru 856544 (M) u residenti ġewwa 60 Sqaq Lajri Żabbar.

Akkużat talli

(a) Fit 18 t’Ottubru 2008 għall-ħabta tal-23.00, ġewwa 60 Sqaq Lajri Żabbar, ikkaġuna ġireħi ta’ natura ħafifa permezz ta’ struemnt li jaqta’ u bil-ponta fuq il-persuna ta’

ibnu Darren Psaila kif iċċwertifiak Dr.Robert Gauci miċ-Ċentru tas-Saħħa Raħal Ġdid u dan ai termini tal-artikoli 217, 221(1)(2) u 222(1)(a) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

(b) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi volontarjament ksier il-bon ordni u l-apċi pubblika b'għajjat u ġlied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-Kap 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat l-atti kollha tal-proċess inkluż iċ-ċertifikat tat-twelid 9865 tal-1944, il-fedina penali tal-imputat (fol 3 et), il-kunsens tal-Avukat Ġenerali u tal-imputat biex dawn il-proċeduri jkunu sommarji, ċ-ċertifiakt maħruġ mit-Tabib Dr Robert Gauci (a fol 11) u l-current incident report..

Rat id-digriet li bih il-Qorti eżentat lil iben l-imputat, l-allegat vittma, milli jixhed ai termini tal-artikolu 633 tal-Kap 9.

Semgħet ix-xhieda bil-ġurament.

Semgħet it-trattazzjoni tal-abbli Prosekutur u tal-abbli Difensur.

Ikkonsidrat

Mix-xhieda tal-Prosekutgur l-Ispettur Fabian Fleri jirriżulta li nhar it-18 t'Ottubru 2008 bin l-imputat kien għamel rapport fl-għassa fejn kien allega li kellu argument ma' missieru u dan tal-aħħar kien qabad sikkina tal-kċina u laqtu fil-pala ta' idu tal-lemin.

L-imputat kien mar l-għassa wkoll u qal li kien ibnu li l-ewwel li qabad furketta biex jaggredixxi lill-missier u għalhekk l-imputat kien qabad is-sikkina biex jiddefendi ruħu.

Fl-istqarrija l-imputat qal li, wara argument, ibnu kein qabad furketta u beda jheddu li ser idaħħilhielu f'għajnejh. L-imputat qabad sikkina iżda ibnu xorta kien imbuttah fuq

is-sink. Dak il-ħin l-imputat xejjer daqqa ‘l fuq biex ibeżża’ lil ibnu. Billi ibnu kellu jdejh mgħollija laqtu f’idu.

Hawn l-imputat għarraf lill-Ispettur liema sikkina kien uża – dik tal-manku mkisser. L-imputat qal ukoll li ibnu ma einx laqtu bis-sikkina u li kien iddispjaċieh għal dak li ġara. (fol 15)

Xehed Dr Robert Gauci u kkonferma li kien eżamina lil Darren Psaila u kien sablu ferit superfiċjali li kienet skin flp ta’ 4 by 2 cm li kienet fuq il-wiċċ tal-id. In-natura tl-ġrieħi keient ħafifa.

PS 1593 Alfred Cachia xehed li Darren Psaila kien mar l-għassa b’sikkina f’idu u ftit wara wasal l-imputat li kien mar l-għassa minn jheddu. F’mument minnhom il-missier qabad jibki. Darren Psaila kien ta żewġ skieken lix-xhud u qallu li missieru kien laqtu b’waħda minnhom. (fol 20).

L-imputat xehed li ibnu kien daħal irrabjat u meta staqsieh x’kien ġralu ibnu ma kienx kellmu. Huwa qal li ma kellu ebda intenzjoni li jolqot lil ibnu iżda kien laqtu bi sbrixx biss. Ibnu għadu jgħid miegħu d-dar sa llum.

Fil-kontro-eżami l-imputat qal li l-jum ta’ qabel kien mar l-għassa sabiex jipprova jevita li jerġa’ jkun hemm l-inkwiet. Il-Prosekuzzjoni qratlu silta sew mill-istqarrija u l-imputat ikkonferma l-kontenut. L-imputat żied jgħid li kellmu parir mediku biex ma jgħajtux ma’ binhom (fol 32)

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Ukoll jekk il-Qorti użat id-diskrezzjoni tagħha u eżentat lil iben l-imputat milli jixhed, xorta hemm provi biżżejjed li l-imputat għamel ġrieħi ta’ natura ħafifa bi strument li jaqta’ u bil-ponta. It-Tabib Gauci kkonferma li n-natura tal-ġrieħi kienet ħafifa waqt li l-imputat ikkonferma, kemm fl-istqarrija kif ukoll fuq il-pedana tax-xhieda, li kien laqat lil ibnu biex jiddefendi ruħu. Is-sikkina li ntużat kienet elevat fil-preżenza tal-imputat.

Issa r-reat ma jaqax taħt l-arftikolu 217 għaliex il-ferita mhix gravi. Sar biss bi strument li jaqa' taħt l-artikolu 217 għax intużat sikkina.

Ir-reat li seħħ jaqa' taħt l-artikolu 221(3) tal-Kap 9:

'(3) Meta l-effett, ikkonsidrat sew għal dak li hu l-ġisem tal-offiż kemm moralment, ikun ta' importanza żgħira, l-akkużat meta jinsab ħati jeħel il-piean ta' priġunerija għal żmien mhux aktar minn tliet xhur jew il-multa, jekk l-offiża ssir b'wieeħd mill-mezzi msemmijin fl-artikolu 217, inkella fuq xi waħda mill-persuni msemmijain fl-artikolu 222(1)(a) u (b)'.

Il-proċedimenti jinħtieġu l-kwerela jekk ikunu jaqgħu taħt lis-sub-artikoli (1)(3) tal-artikolu 221.

Il-Qorti semgħet lill-imputat jgħid li ibnu kien ħafirlu. Iżda fl-atti hemm biss li ibnu kien talab biex ma jixhidx. Il-kwerela qatt ma kienet irtirata fil-Qorti.

Il-Qorti qieset ukoll li l-imputat kien qed jiddfendi ruħu u għalhekk japplikaw l-artikolu 232(ċ) minħabba l-leġitima difeża.

Għalhekk il-Qorti qed issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni bl-iskużanti li għaliha għadha kemm saret referenza

**It-tieni imputazzjoni**

Il-Prosekuzzjoni ma ġabet ebda prova dwar din it-tieni imputazzjoni. Għaldaqstant il-Qorti qed tillibera lill-imputa mit-tieni imputazzjoni.

Konklużjoni

Il-Qorti, wara li rat l-artikoli 221(1)(3), 232(ċ) u 338(dd) tal-Kap 9 issib lill-imputat ħati tal-ewwel imputazzjoni bl-iskużanti taħt l-artikolu 232(ċ) u qed tilliberah mit-tieni imputazzjoni. Dwar il-piena, stante li dawn kienu ċirkostanzi tal-familja li fihom l-istess vittma kienet

eżentata milli tixhed, il-Qorti, flok tikkundanna lill-imputat qed tilliberah bil-kundizzjoni li ma jagħmel ebda reat ieħor fi żmien sitt xhur mil-lum.  Il-Qorti spjeat lill-imputat l-artikolu 222 tal-Kap 446 fi kliem sempliċi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------